**Il-kummenti ta' Facebook**

Facebook hi opportunità
Li niltaqgħu ma' xulxin
Onlajn biex insiru nafu
Kif aħna tassew sejrin.

U min jippowstja xi ritratt
U min itella' filmat,
L-aqwa li l-familja tinbena
Fejn fiha kulħadd stmat.

U la qegħdin fil-familja
Imbilli nikkummentaw,
Sakemm il-kummenti kollha
Lill-persuna qed jistmaw.

Imma ejja nkunu safja
U ċertu kliem ma niktbuhx,
L-aktar gideb u kalunji
Itaqqlu r-ruħ ma jafux.

Għax il-kliem qed jirrifletti
Mhux biss fuq min qed jingħad,
Imma qed jikxef 'l min jgħidu
Li bi kliemu jinbagħad.

Jaħasra l-Facebook hi barka
Li biha jimpurtana,
Kif ħa nissapportjaw 'l xulxin
Int, jien, dawk, kulħadd għajrna.

Jalla bil-kummenti taghna
Inġibu ħafna fejqan,
U jalla min jidħol Facebook
Kif joħroġ ikun ferħan.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.